# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**

**(Spettur Charlotte Curmi)**

**Vs**

**Mario Charles Pace**

**Kawza: Kolluzzjonijiet**

**Illum: 6 ta' Mejju, 2024.**

**Il-Qorti**

Rat l-imputazzjonijet migjuba kontra Mario Charles Pace ID 13689(G)(M) bin John u Salvina nee Cassar mwieled fil-16.02.1989 u joqghod 2, Trejqet Il-Fossos Floriana u akkuzat talli fit-28 ta' Awissu, 2022 ghall-habta ta' 02.25hrs fi Triq Vilhena Floriana u Fi Triq Macerata Floriana soqt vettura b' numru ta' registrazzjojniGCG327 u

1. U talli soqt jew ippruvajt issuq jew kellek kontroll tal-imsemmija vettura fi triq jew f'post pubbliku meta ma' kontx f'kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew droga
2. U aktar talli ippruvajt isuq jew kellek kontroll tal-vettura fit-triq jew f'post pubbliku wara li ikkunsmajt tant alcohol li l-proporzjon tieghek fin-nifs fid-demm jew fl-urina kien izjed mill-limiti preskritti (60.2pg/100ml).

3. U b'nuqqas ta hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta hila fl-arti jew professjoni u jew b'nuqqas ta tharis tar-regolamenti tat-traffiku hbatt ma vettura nru BRI008 u involontarjament ikkagunajt hsarat ghad-dannu ta` Mary Rose Cesare.
4. U b'nuqqas ta hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta tharis tar-regolamenti tat-traffiku hbatt ma vettura nru CBZ471 u involontarjament ikkagunajt hsarat ghad-dannu ta Emanuel Brincat.
5. U b'nuqqas ta hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta` tharis tar-regolamenti tat-traffiku hbatt ma vettura nru HIL357 u involontarjament ikkagunajt hsarat ghad-dannu ta` Christopher Sammut.
6. U aktar talli soqt l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata.
7. U aktar talli soqt l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza.

Il-Prosekuzzjoni tablet li tigi skwalifikat mill-licenzji kollha tas-sewqan.

Il-Qorti mitluba li f' kas ta' htija minbarra li tinfliggi il-piena skond il-ligi tnaqqas il-punti mill-licenzja tas-sewqan hekk kif stabilit mill- LS 65.18 Art 36 B u fil- LS 65.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikoli 328 (d) tal-Kap 9 Kap 65 Art 15(1)(a) (2)15A15B - LS 65.18 Art 36 B u fil- LS 65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni.

L-imputat ghazel li ma jixhiedx.

Rat l-atti kollha , d-dokumenti kollha ezebiti u l-provi kollha.

Semghet it-trattazzjoni Rat li l-proceduri thallew ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Rachel Ellul** xehdet hekk **;**

Pros: Sinjura inti irrapurtajt xi haga l-pulizija?

Xhud: Iva.

Pros: Tispjegalna wahda id-data u l-hin u l-post?

Xhud: Mela id-data 28 ta Awwissu tas-sena l-ohra il-hin qisu bejn 2.00 jew it-2.40 grat il-Furjana it-triq Vilhena hemm tlett toroq essagg imma triq Vilhena kont jien bazikament kont qeghda fil-karozza u ghaddiet minn hdejja karozza ohra bajda ghaddejja b`naqra velocita rellativament gholja it-triq li kont qeghda fiha ovvjament ittawwalt u l-karozzan daret mat-triq Macerata u regat daret fi triq Pietro Floriani kif wasslet triq Pietro Floriani flok baqet sejra dritt ghax inti suppost biex terga tinzel ghall go triq Vilhena taghddi minn quddiem Boffa minflok baqet sejra daret lura ghall go triq Mhazen li hija one way reget daret ghall triq Vilhena u kif daret ghall go triq Vilhena telghet fuq il-bankina u nizlet malajr reget daret ghall go triq Macerata u ghall go triq Pietro Floriani u kif wasslet qisu triq l-Imhazen waqfet u daret lura ghall go triq Imhazen imma mhux in-naha tal-gnien in-naha opposta ghax hemmekk qeghdin qishom salib it-toroq telghet lura bir-reverse bazikament go triq l-Imhazen xi tul ta zewg karozzi ghax kien hemm il-karozzi ipparkjati u bazikament daret biex tipparkja u hi u tipparkja habat ma karozza minn fejn l-ewwel smajt il-hoss u ttwwalt u rajtu qieghed go karozza u hareg barra mil-parking u rega nizel dritt ghall go triq l-Imhazen li kif ghedt hemm one way umbaghad rega dahal triq Vilhena u qisu waqaf biex jipparkja go triq Vilhena.

Qorti: X`karozza kellu?

Xhud: Citroen bajda GCG 327.

Qorti: Issa d-driver rajtu?

Xhud: Iva.

Qorti: Qed tarfu x`imkien f`din l-awla?

Xhud: Hemmekk dak li hemm hemm.

Qorti: Ix-xhud indikat lil imputat.

Pros: Meta semmejt il-velocita inti ghalfejn geghlek tahseb li kien ghaddej b`dak il-mod?

Xhud: Ifehem ghaddiet il-karozza minn hdejja qisu trid tkun taf qisek tkun minn dawk l-inhawi tkun taf li tipo kemm jaghddu normalment malajr jew le minn got-triq mhux main road fis-sens illi meta hassejtu jaghddi minn hdejja b`certu velocita jiena qisni ittawwalt.

Qorti: Inti kemm il-karozza rajtu jahbat fiha?

Xhud: Jiena wahda li rajtu essagg jahbat.

Qorti: X`kulur kienet ghandek idea?

Xhud: Celesti nahseb mhinix certa.

Qorti: Umbaghad x`gara sinjorina?

Xhud: Xejn beda jipprova jipparkja dam xi 4 minuti iktar anzi xi 4 minuti jipparkja fi triq Vilhena umbaghad.

Pros: Rajt xi manuvri partikolari?

Xhud: Ifhem apparti li dahal one way darbtejn,

Qorti: Inti stennejt sakemm jigu l-pulizija?

Xhud: Stennejt sakemm gew il-pulizija cempiltilhom jiena.

Pros: X`ghedtilhom il-pulizija?

Xhud: Huma gew ikellmuni gol-karozza ghax kont ghadni gol-karozza sa dak il-hin huma gew ikellmuni essagg ma staqsewnix tipo dak kien ghax jien al-karozza kont qed nara fis-sens mhux hu imma ovvjament rajtu hiereg minn gol-karozza jien u jkellem lil pulizija.

Qorti: Gifieri fil-mument li waqaf fil0karozza sakemm hareg mil-karozza baqa` fil-karozza?

Xhud: Ehe baqa` fil-karozza sakemm wasslu il-pulizija fuq il-post essagg kein gahdu kemm jipparkja sakemm wasslu il-pulizija fuq il-post.

Pros: Rajt xi movimenti ohra li qanqlulek suspett?

Xhud: Jiena essagg,

Pros: Jew smajt xi hsejjes?

Xhud: Meta habat waqt li kien qieghed triq l-Imhazen smajtu jahbat b`hekk harist u rajtu gol-karozza.

Pros: Dak l-istess hoss kemm il-darba smajtu?

Xhud: Darba smajtu f`dak il-post.

Pros: M`ghandix iktar mistoqsijiet.

Qorti: Kontro Ezami?

Avu: Xejn.

**<u>Ryan Cesare,</u>**xehed hekk :

Pros: Irrapurtajtu xi haga lil pulizija sinjur?

Xhud: Le kienu cempluli il-pulizija fl-4 ta` filghodu u qaluli,

Pros: Meta?

Xhud: Dak in-nhar tal-habta stess.

Pros: Id-data?

Xhud: 28 ta` Awwissu ghandikun 2022.

Pros: Fejn gara?

Xhud: Il-Furjana.

Pros: X`jisimha it-triq?

Xhud: Ma nafx x`jisimha it-triq.

Pros: U x`gara?

Xhud: Cempluli il-pulizija ghax kienu l-4.00 ta` filghodu qaluli li dahal xi hadd gol-karozza tieghi inzilt nara,

Pros: In-number plate x`inhu?

Xhud: BRI 008.

Pros: X`kulur hi l-karozza?

Xhud: Griza, umbaghad qaluli biex immur nigbor ir-rapport tlett ijiem wara mil-Ghassa.

Qorti: Issa hu pacenzja jiena Maryrose Cesare ghandi mhux ismek x`inhi is-stwazzjoni?

Pros: Maryrose Cesare x`tigi minnek?

Xhud: Ommi.

Qorti: Allura il-karozza fuq isimha qeghda?

Xhud: Ijja, igifieri taghha l-propjeta mhux tieghek?

Xhud: Taghha imma nista nsuqha jiena ukoll.

Avu: Inti taf jekk ommok thallsitx il-hsarat kollha li kellha?

Xhud: Thallast jiena.

Avu: Thallast inti?

Xhud: Iva.

Avu: Ghandek iktar interess f`dawn il-proceduri?

Qorti: Ma jistax jghidli Maryrose Cesare tista tghidli.

Pros: Inzilt tara xi hsarat inti?

Xhud: X`kellek?

Xhud: Kelli hsara fil-mudguard tan-naha tax-xellug.

Pros: Inti rajt xi persuni vicin?

Xhud: Le jiena mal-pulizija biss tkellimt.

Qorti: Dokumenti fuqek kif thallast jew le gahndek?

Xhud: Le ghax hallasni Revolut fuq il-mobile.

Pros: Apparti il-pulizija kien hemm xi hadd iehor?

Xhud: Mal-pulizija biss tkellimt jiena lilu min habat go fija ma rajtux.

Pros: M`ghandix iktar mistoqosijiet.

Avu: Nista nuri lix-xhud dan id-dokument jekk jogghbok u jghidilna jekk din l-email hijeix tieghu Ryan.Cesare.98@gmail.com sur Cesare qed tikkonferm ailli inti ircevejt l-ammont ta 875 ewro?

Xhud: Nikkonferma ijja.

Avu: Grazzi.

**George Stagno Navarra,** xehed hekk :

Qorti: Qieghed hawn inrapprezentanza ta`?

Xhud: Elmo Insurnace Ltd.

Qorti: X`tista tghidilna fuq liema vettura?

Xhud: Il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HIL 357 marka Citroen C3 assigurata mal-Elmo f`isem Christopher Sammut Comprehensive dina kienet involuta f`incident u hallasna id-danni skond survey report li gibtlek kopja tieghu.

Qorti: Mela DOK GSN.

Xhud: U d-danni li konnha qeghdin nitolbu 599.45.

Qorti: U dan hallastuha lil Christopher Sammut li danni tieghu peress li comprehensive qed nassumi.

Xhud: Narutalment lil garage li sewwa l-karozza gahn-nom ta Sammut.

Qorti: GSN 1.

Avu: M`ghandix Kontro Ezami.

**Christopher Sammut,** xehed hekk:

Pros: Sur Sammut inti irrapurtajt xi haga lil pulizija?

Xhud: Le il-pulizija kont id-dar u infurmawni.

Pros: Data, Hin u triq?

Xhud: Id-data ma nafiex it-triq Magazine street, Furjana xi l-4.00 ta` filghodu li kelli l-karozza milquta.

Pros: Number plate tal-karozza?

Xhud: HIL 357.

Qorti: Inti inxurjat ma xi hadd comprehensive?

Xhud: Ma Elmo ijja.

Qorti: U hallsu lilek id-danni?

Xhud: Kull ma hallsuli l-fanali mma ghandi daqqa zghira imma ghadni biha nghidlek is-sewwa.

Pros: Inti meta kellmuk il-pulizija inzlt fuq il-post?

Xhud: Iva mela.

Pros: Tista tispjegalna x`rajt?

Xhud: Ifhimni rajt l-karozza tieghi migrufa ma kelliex xi daqqa kbira u rajt persuna f`karozza ohra iktar l-isfel.

Pros: Qed tarafha hawnekk fik-persuna?

Xhud: M`ghandix idea.

Pros: Kien hemm xi karozzi ohra fl-akkwata?

Xhud: Karozzi milqutin kien hemm kien ohra quddiemi zgur u l-persuna ma rajtiex kull ma rajt persuna f`karozza.

Pros: X`kulur hi l-karozza tieghek?

Xhud: Tieghi hadra.

Pros: Daqsekk sinjura.

Xhud: Jista jkun dil-persuna fil-karozza imma mhinix mija fil-mija.

Qorti: Rigwardanti din il-persuna li, ix-xhud indika lil imputat, I`m aware jista jkun.

Avu: M`ghandix mistoqsijiet.

**<u>Emanuel Brincat,</u>** xehed hekk **<u>:</u>**

Pros: Il-pulizija infurmawk b`xi haga sinjur?

Xhud: Iwa.

Pros: Data u hin?

Xhud: Hallewli nota mal-karozza.

Pros: Meta kien sinjur?

Xhud: 28 ta` Awwissu 2022 filghodu.

Pros: Fejn kienet ipparkjata l-karozza?

Xhud: Triq l-Imhazen il-Furjana.

Pros: X`kulur hi l-karozza tieghek?

Xhud: Celesti metallic.

Pros: U ghalfejn hallewlek in-nota?

Xhud: Ghax sibt daqqa fil-karozza u,

Pros: In-number plate tal-karozza?

Xhud: EBZ 471.

Pros: X`qalulek f`din-nota?

Xhud: Qaluli li sar rapport li xi hadd dahhali fil-karozza u dhalt l-Ghassa tal-Belt u mexxew ir-rapport jiena mort l-insurance u mexxew l-insurance.

Pros: Igifieri inti dak in-nhar tal-incident ma nziltx fuqn il-post?

Xhud: Ma kontx naf kont rieqed id-dar harget it-tifla fil-ghodu u sabet id-daqqa fil-karozza qaltli dad qaltli ghandna daqqa fil-karozza umbaghad sibna in-nota mal-Windscreen.

Qorti: Inti comprehensive li insured.

Xhud: Fully comprehensive ma c-Citadel Insurance.

Avu: Sur Brincat tista tikkonferma mal-Qorti illi l-hsarat meta inti kellek fil-vettura inti thallast?

Xhud: Sewweli kollox l-insurance u irrangata l-karozza.

Avu: U inti taf ukoll illi l-insurance li irkkupraw il-flus minghand il-persuna illi kien habat fil-karozza tieghek?

Xhud: Ma nafx jekk irkuorawx minghandu jew le.

Avu: Xejn iktar.

**Rose Aquilina Frendo,** xehdet hekk ;

Qorti: Inti qeghda hawn inrapprezenta ta` xi hadd?

Xhud: Ta` Citadel Insurance.

Pros: Gejt mitluba taghddilna taghddilna xi informazzjoni?

Xhud: Ehe.

Pros: Fuq liema vettura?

Xhud: CBZ 471.

Pros: X`tghidilna?

Xhud: Il-klijent taghna kellu accident gie jikklemja taht il-polza tal-assigurazzjoni tieghu hallasnieh u ahna gbarna l-flus minghand l-akkuzat.

Pros: M`ghandix iktar mistoqsijiet.

Qorti: L-akkuzat min hu?

Xhud: Dak li dahal fil-karozza Mario Charles Pace.

**PS 39 JeanPaul Zahra** xehed permess ta affidavit. Jigi rilevat li fl-affidavit hemm id-data 28 taOttubru 2022 u mhux 28 ta' Awwissu 2022

**Ikkunsitrat**

Illi l-ahjar prova rigwardanti l-ewwel u t-tieni imputazzjoni hi l-affidavit ta PS 39 Jean Paul Zahra u t-test tal-livel tal-alkohol ikkonfermat bl-istess affidavit. Fl-affidavit hemm imnizzel d-data 28 ta' Ottubru 2022 u mhux 28 t'Awwissu 2022 u bhekk l-ewwel u t-tieni imputazzjoni mhux ippruvati u tilliberah mill-istess.

Rigwardanti it-tielet, raba' u l-hames akkuzi ma hemmx provi fil-grad rikjesti fil-kamp kriminali u tilliberah mill-istess.

Rigwardanti s-sitt u s-seba' imputazzjonijiet jirrizulta bic-car mix-xhieda ta Rachel Ellul is-sewqan perikoluz da parti tal-imputat u bhekk tirrizulta is-seba' imputazzjoni u fil-waqt li ma tirrizultax is-sitt imputazzjoni u tilliberah mill istess.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi kollha u wara li rat l-artikoli 328 (d) tal-Kap 9 Kap 65 Art 15(1)(a) (2)15A15B - LS 65.18 Art 36 B u fil- LS 65.18 Sitt Skeda tal-ligijiet ta' Malta u issib lill-Mario Charles Pace hati tas-seba'(7) imputazjoni u tikkundannah ghal multa ta` elf u mitejn euro (1200) , skwalifika mill-licenzji kollha tas-sewqan ghal zmien tlett (3) xhur u ghaxar (10)punti fuq il-licenzji kollha tas-sewqan.

Ma issibx lil Mario Charles Pace hati tal-ewwel(1), tieni(2), tielet(3), raba'(4) hames (5) u sitt (6) imputazzjoni u tilliberah minn kull htija u piena dwar l-istess.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**